**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Roderick Agius)**

**vs**

**Nazzareno Bartolo**

**Kumpilazzjoni Numru: 839/15**

**Illum, l-erbgha u ghoxrin (24) ta' April, 2023**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Nazzareno Bartolo detentur tal-karta tal-identità numru 802348M akkuzat talli gewwa 237, St Catherine Street, Qormi u f'dawn il-Gzejjer, fis-7 ta' Awwissu 2009 u fis-

snin, fix-xhur u l-jiem ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda.

1. Ikkommetta serq ta' elettriku ta' valur ta' izjed minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-dannu tal-kumpanija Enemalta u/jew il-gvern ta' Malta, liema serq huwa aggravat bil-valur, bil-mezz, bil-lok u bil-hin.

2. Huwa akkuzat ukoll talli rrenda ruhu ricediv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenzi huma defenittivi u ma jistghux jigu mhassra ai termini ta' Artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti.

Rat l-atti u x-xhieda kollha migjuba tul dawn il-proceduri;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata ghaxra (10) ta' Gunju elfejn dsatax (2019) fejn elenka l-Artikoli tal-Ligi li tahthom jitlob li ghandha tinstab htija u cioè:

(a) fl-artikoli 18, 20, 31, 261(b) (c) (e) (f), 263, 264, 265, 266, 267, 269(g), 270, 278(1)(2)(3)(4), 279(a)(b), 280(1)(2), 281(a)(b), 283 u 283A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) fl-artikoli 31, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) fl-artikoli 7, 8, 16, 17, 18, 19, 20, 22, 23 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) fl-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapiltolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(e) fl-artikolu 382A, 383, 384, 385 u 386 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi wara li l-Qorti qrat l-Artikoli tal-Ligi, l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li dawn il-proceduri jipprocedu b'mod sommarju;

<u>IKKUNSIDRAT</u>

Illi dawn il-proceduri jippernjaw madwar ix-xhieda principali u cioè l-impjegati tal-Enemalta li kienu marru fil-post mertu ta' dawn il-proceduri u li rrappurtaw il-kaz.

Fil-fatt **<u>Michael Buttigieg</u>** li kien jahdem mal-Enemalta bhala *Professional Executive* jghid illi kien sar rapport lill-*meter section* taghhom ta' konsum ta' elettriku mhux registrat minhabba ta' sigilli mbaghbsa u meta ghamlu stima ta' dan billi raw il-konsum ta' qabel dan sehh u dak il-konsum ta' wara li sehh dan it-tbaghbis. Jghid illi marru sa qabel is-sena sitta u disghin (96) u wara l-elfejn u tlettax (2013) stante li l-kaz sar fis-sena elfejn u disgha (2009). Jghid illi mill-istharrig li jaghmel ndunaw illi l-konsum beda jkun gholi biex imbaghad beda jinzel sewwa. Jghid ukoll illi meta sar il-kaz tal-ispezzjoni nbidel il-*meter* u regghu bdew jiehdu l-kejl u ghalhekk setghu jaraw id-differenza. Ikompli wkoll illi *"imbaghad jinzel ftit ftit twelve (12), sixteen (16). F'daqqa wahda nizel nine (9) anke nizel fejn kien hemm two (2), zero (0), dawn kienu average ta' perjodi. Wara li sar il-bdil tal-meter il-units telghu twenty three (23), twenty four (24) anke twenty five (25). Hemmhekk l-Enemalta tiehu stima anke mill-load li jkun hemm fuq il-post u anke mir-records u tghid mela dan nahsbu li kien, mir-*

*records li ghanda fattwali, illi qabel kellu jahli daqshekk".* Ix-xhieda ta' dan l-ufficjal kienet tikkoncerna l-fond 237, St. Catherine Street, Qormi u l-istima tal-konsum mhux registrat tammonta ghal hamest elef u tlettax-il ewro u sittin centezmu (€5,013.60c) mis-sebgha (7) ta' Awwissu 2004 sad-disgha (9) ta' Awwissu 2009. Fuq mistoqsija inkontroezami x-xhud ma eskludiex li dawn il-varjazzjonijiet fil-*meter* kienu kagun ta' hsara fl-istess apparat u mhux fi tbaghbis.

<u>Mario Cassar</u> li hu impjegat fi hdan l-Enemalta u li kien mar jispezzjoni l-*meter* tal-imputat ikkonferma illi dan l-apparat li kien *three phase* sabulu xi tbaghbis fih. Jghid illi dan kien qed jahdem izda s-sigill tac-comb kien imbaghbas u parti ohra li tissejjah bhala x-*shunt* kienet miftuha u ghalhekk l-elettriku ma jghaddix minn go fih bil-konsegwenza li ma jimmarkax u ghalhekk kien jimmarka biss minn zewg *phases* biss. Din ix-*shunt* qisha gangetta u ghalhekk peress li l-elettriku ma kienx qed jghaddi minnha kien hemm tnaqqis ta' metragg ta' cirka tlieta u tletin fil-mija (33%). Ix-xhud ipprezenta rapport tal-ispezzjoni li gie mmarkat bhala Dokument MC1.

Impjegat iehor tal-Enemalta u cioè **Harry Buttigieg** li kien prezenti tul l-ispezzjoni kkonferma dak li qal ix-xhud ta' qablu u jghid illi l-*meter* inkwistjoni kienu ssigillawh u haduh mill-post.

Semghet l-espert nominat mill-Qorti sabiex jezamina l-*meter* inkwistjoni mmarkat bhala Dok. PG1 **Profs. Cyril Spiteri Staines** li xehed illi *"l-meter mir-ritratti li hadu l-Enemalta on site, tajjeb? Huma meta ghamlu l-inspection, hadu ritratti ta' kif instab il-meter. Deher car li hemm link minnhom tat-three phase miftuh. Jekk dak il-link ikun miftuh, fuq dak il-phase partikulari, il-consumption ikun zero."* Ix-xhud ikkonferma li dan huwa bilfors azzjoni ta' bniedem ghaliex irid ikun hemm xi hadd li jholl vit u jerga' jissikka. Ikkonfema wkoll illi l-hgiega ta' dan il-*meter* kienet imkissra (Dok. CSS1).

Rapprezentant legali tal-Enemalta **Alan Chetcuti** kkonferma l-kwerela u pprezenta *meter card* tal-*meter* meta kien gie originarjament installat li dan kien jirreferi ghall-fond 84 St. Catherine Str., Qormi ghan-nom ta' R. Bartolo.

L-imputat <u>Nazzareno Bartolo</u> xehed u qal illi meta gew tal-Enemalta ma kinux qalulu li kien hemm xi suspett ta' serq ta' elettriku u ma kinux gew pulizija jakkumpanjawhom. Jghid illi wara li qalghu dan il-*meter* kienu qalulu li kien hemm xi haga mahlula izda li ma kienx kaz ta' tbaghbis tac-comb. Jghid ukoll illi meta lestew dawn qalulu sabiex itihom is-somma ta' elf Lira u hu rrifjuta u huma qalulu illi li kieku ma kellux l-affarijiet tajbin kienu jgibu l-pulizija maghhom. Jghid illi wara jumejn mar ihallas l-elf Lira ghand l-Enemalta fil-Marsa u taghha pprezenta ricevuta Dok. NB1 u hemmhekk tawh id-dawl.

<u>Dr Andrew Sciberras</u> xehed in sostenn tal-karattru tal-imputat u pprezenta Dok. AS1 li huwa dokument imnizzel minn sit elettroniku li jirrigwarda Forum tal-Inginerija Mekkanika.

Semghet it-trattazzjoni tad-difiza ghaliex il-prosekuzzjoni strahet fuq il-provi prodotti;

<u>IKKUNSIDRAT</u>

Illi dawn il-proceduri jikkoncernaw fuq allegat serq ta' elettriku u t-tbaghbis ta' xi apparat tal-*meter* tad-dawl li jappartjeni lill-kumpanija Enemalta.

Il-Qorti hawnhekk qed taghmel referenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali, fil-kawza (App. Nru. 46/2018), bl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Sarah Magri) vs Joseph Bartolo**, deciza fit-12 ta' Dicembru, 2018, fejn intqal:

> *"L-Artikolu 264(2) tal-Kodiċi Kriminali jesiġi li l-liġi trid illi fil-każ ta' ksur jew gumni tas-servizz elettriku jew tal-meters tagħha jew ta' xi siġilli ta' xi meter, il fatt li jkun hemm mezzi qarrieqa li bihom wieħed jista' jkollu l-użu jew il-konsum illeġitimu ta' dan il-kurrent elettriku jew li bihom jista' jwaqqaf jew ibiddel mmarkar fil-meter tal-kwantita meħuda jew ikkunsmata jitqies sakemm ma jiġiex pprovat il-kuntrarju, bħala prova illi d-detentur tal-fond jew il-persuna li jkollha f'idejha il-fond fejn ikunu jinsabu dawn il-kawżi jew mezzi qarrieqa, jaf jew taf b'dan l-użu jew konsum ta' kurrent elettriku. Hu evidenti li dan is-*

*subartikolu joħloq presunzjoni ta' juris tantum li għandha tipprevati jekk ma jigix ppruvat il kuntrarju.*

*Illi skond l-artikolu 264(2) tal-Kap 9, hemm presunzjoni ta' dolo juris tantum li għandha tipprevali jekk ma jiġix ppruvat l-kuntrarju kif ġie deċiż fil-kawża fl ismijiet Il-Pulizija vs Anthony Lanzon deċiża fit-tnejn ta' Settembru, 1998 mill Qorti tal-Appell Kriminali.*

*Illi dina hija presunzjoni li ġiet deskritta f'sentenza fl-ismijiet Il-Puliżija vs Raymond Abela (mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali f'sentenza mogħtija fis-16 ta' Lulju 1990), bhala "presunzjoni feroċi" u kompliet tgħid: "La l presunzjoni hija daqstant feroċi l-Qorti tifhem li biex tapplikaha il-mezzi qarrieqa jridu jirriżultaw konklużivament u mhux sempliċement b'mod illi joholqu suspett A il-mezzi qarrieqa jridu jkunu jistgħu jwasslu għal dak l-effett li bihom jista' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew il-markar."*

*L-artikolu 264(2) tal-Kap 9 jistabilixxi li jekk jiġi ppruvat l-ksur u l-presenza ta' mezzi qarrieqa li bihom wieħed jista' jkollu l-użu jew l-konsum illeġittimu tal kurrent elettriku, jew jibdel r-registrazzjoni tal-konsum, allura jitqies bħala prova li d-detentur tal-fond jew il-persuna li jkollha f'idejha l-fond fejn instabu dawn il mezzi qarrieqa, jaf b'dan l-użu jew konsum ta' kurrent elettriku illeċitu, sakemm ma jiġix ppruvat l-kuntrarju. Għalhekk f'dan it-tip ta' każi, l-onus tal-prova jinqaleb u ma jibqgħax aktar fuq il-Prosekuzzjoni iżda jinkombi fuq minn ikun akkużat. Ir-riżultat ta' dan l-ispustar tal-prova għal fuq akkużat hu li l-posizzjoni tal-Prosekuzzjoni tkun ġiet reża aktar faċli u b'hekk hi tkun tista tasal fejn trid tasal mingħajr sforżi ta' xejn."*

Ulterjorment l-istess Qorti fil-kawza bl-ismijiet <u>Il-Pulizija (Spettur Roderick Agius) vs Emanuel Borg</u>, deciza fis-6 ta Novembru, 2018 (App. Nru. 129/2018), fejn intqal is-segwenti:

*"Il-Qorti taghmel referenza ghal diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fosthom Il-Pulizija v Anthony Lanzon (Deciza nhar it-2 ta' Settembru, 1998), Il-Pulizija v Emanuel sive Lino Cassar (Deciza nhar is-26 ta' Ottubru, 1998), Il-Pulizija v Paul Barbara (Deciza nhar is-26 ta' Mejju, 1998) fejn gie spjiegat il-presunzjoni iuris tantum applikabbli ghal dan ir-reat kif dispost fl Artikolu 264(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghalhekk f'dan il-kaz, lonus tal-prova jinqaleb u ma jibqax iktar fuq il Prosekuzzjoni izda jinkombi fuq l-imputat odjern. Ir-rizultat ta' dan l-ispustjar tal-prova ghal fuq l-imputat hi li l-posizzjoni tal-Prosekuzzjoni tkun giet reza aktar facli u b'hekk hi tkun tista' tasal fejn trid minghajr sforzi ta' xejn.*

*Illi huwa car ghalhekk li dan l-Artikolu 264(2) tal-Kap. 9 johrog presunzjoni ta' dolo, iuris tantum, li ghandha tipprevali jekk ma jigix ippruvat il-kuntrarju.*

*Din il-presunzjoni ma hix xi wahda assoluta w li ghandha tigi applikata bl-akbar rigorosita'. Din tregi biss sakemm ma jingibux provi kuntrarji li jistghu jingiebu mill-imputat. Ma' dan il-Qorti trid tosserva li l-ligi ma tispustjax l-oneru tal-prova tal-innocenza tal-imputat ghal fuqu. L-oneru tal-prova jibqa' dejjem fuq il-Prosekuzzjoni li ghandha a favur taghha din il-presunzjoni li pero', tista' tigi newtralizzata b'xhieda u provi ohra tal-istess Prosekuzzjoni jew tad-Difiza [ara wkoll Appell Kriminali 282/93 Il-Pulizija v Michael Attard (Deciza nhar il-12 ta' Frar, 1993) per Imhallef Carm Lino Agius].*

*Huwa ovvju li l-asportazzjoni ta' l-elettriku hi asportazzjoni ta' tip specjali u sui generis, trattandosi mhux ta' korp fiziku imma ta' current ta' elettriku, issir mhux bil-komunikazzjoni llegali, li ghal bzonn tista' tkun saret minn haddiema qabel, imma bl-uzu attivat ta' l-apparat kunsumatur ta' l-elettriku fil-konsapevolezza li l-konsum mhux qed jimmarka jew mhux qed jimmarka sew minhabba interruzzjoni. Min juza l-apparat konsumatur u wara li jkun sar it-tbaghbis u meta jkun jaf b'dan, ma jigux*

*qed jisraq inqas milli kieku kien hu stess li interrompa r registrazzjoni. Huwa ovvju illi biex jigi ppruvat is-serq, iridu jikkalkulaw l element materjali u formali necessarji f'kull reat, il-mens u l-actus iridu jissussistu l-elementi kollha ta' dan ir-reat.*

*L-actus reus tas-serq jinkludi fih il-fatt li l-akkuzat ibbenifika anke minimament mill-ezekuzzjoni tal-hsieb li bil-mens rea tieghu iddecieda illi jattwa. Illi fis sentenza Il-Pulizija vs Saviour Tabone (Deciz fit 18 ta' Marzu 2010 mill-Qort tal-Appelli Kriminali . Vide anke deciz minn din l-istess Qorti , Il-Pulizija vs Peter Bugeja, deciz nhar it 13 ta' Jannar 2011 u Il-Pulizija vs Joseph Camilleri et deciz nhar l 20 ta' Gunju ,.2013) gie deciz: Fl-artikolu 264(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jinghad testwalment: "Fil-kaz ta' ksur ta' kanni tas-servizz pubbliku ta' l-ilma jew tas-servizz tal-gass, jew tal-fili jew gumi fis-servizz pubbliku, il-fatt li jkun hemm mezzi qarrieqa li bihom wiehed jista' jkollu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' dan l-ilma, gass jew kurrent ta' l-elettriku, jew li bihom jista' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew marker fil-meter tal-*

*kwantita mehudha jew kunsmata jitqies sakemm ma jigix pruvat il-kuntrarju, bhala prova illi d-detentur tal-fond jew il persuna li jkollha f'idejha il-fond fejn ikunu jinsabu l-mezzi qarrieqa, jaf jew taf b'dan l-uzu jew konsum ta' ilma, gass jew kurrent elettriku skond ma jkun il-kaz."*

*Illi dina hija presunzjoni li giet deskritta f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali f'sentenza moghtija fl-ismijiet Il-Pulizija vs Raymond Abela (Deciza fis 16 ta' Lulju 1990), bhala "presunzjoni feroci" u kompliet tghid: "La l-presunzjoni hija daqstant feroci l-Qorti tifhem li biex tapplikaha il-mezzi qarrieqa jridu jirrizultaw konkluzivament u mhux semplicement b'mod illi joholqu suspett ... il mezzi qarrieqa jridu jkunu jistghu jwasslu ghal dak l-effett li bihom jista' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew il-markar."*

*Illi fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi ssir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Ronald Bruno (Appell Nru 129/00; Deciz 31 ta'*

*Mejju, 2000, per Onor. Imhallef Dr Vincent Degaetano). Din il-Qorti, pero `, tosserva li hawn si tratta ta' periodu ta' aktar minn erba' snin-minn wara Novembru 1989 sat-13 ta' April, 1994. Fil-fehma ta' din il-Qorti, biex issir il prova, sal-grad li trid il-ligi fil-kamp penali, a bazi tar-record of consumption li kien hemm (mhux semplicement li probabbli li kien hemm) serq ta' kurrent elettriku fil-periodu inkriminat, kellha tingieb prova tal-load ta' l-apparat elettriku f'dak il periodu.*

*Jidher li l-pulizija ma ghamlux l-icken sforz ta' investigazzjoni f'dana r-rigward. Lill-appellant lanqas ma staqsewh x'apparat elettriku u x'dawl kien hemm fil-fond tul iz-zmien li l-fond baqa f'idejgh ; l-appellant ma giex interrogat mill-pulizija bil hsieb li jigi stabbilit dana l-punt.*

*Fil-kaz in dizamina ma jistax jinghad li kien hemm prova sodisfacenti, cioe ` sal grad li trid il-ligi fil-kamp penali, ta' tali serq fil-periodu inkriminat.*

*Pero' l-appellant ma xehedx u lanqas ma ressaq xi xhieda sbaiex jittenta jippotja l onus li l-ligi tistabilixxi fil-konfront tieghu. Strah biss fuq il-provi imresqa il prosekuzzjoni. Ghalhekk fil-kamp penali hu d-dover tal-prosekuzzjoni li tipprova l akkuza sa l-inqas dettal u ma jispettax lill-akkuzat jipprova hu li kien ilu anqas minn hames snin jisraq id-dawl jew li jipprova x'appliances kellu tul il-medda taz zmien li gie akkuzat li fih wettaq is-serq imputat lilu u dan sabeix jigi provat b'mod sodisfacenti id-differenza fil-qari; Dan qed jinghad anke jekk jidher li s-service box in kwistjoni kienet ilha snin fl-istess post u li in effetti dehret imbaghbsa!*

*Galadarba l-Pulizija ghazlet li tohrog akkuzi fuq serq, kien fid-dmir taghha li taghmel id-debita prova dwar l-ammont tas-serq hekk addebitat lill-akkuzat.*

*Illi ma tista' qatt tinstab htija fuq akkuzi bbazati semplicement fuq stima; stima arbitrarja mahduma fuq perjodu daqstant iehor arbitrarju ta' erbgha snin, fejn jigi*

*skartat ghall-kollox il-principju baziku legali li "onus probandi incumbit qui osservit" (Manzini, Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890: "Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

*Issa f'dan il-kaz il-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova li verament kien hemm serq ta' kurrent elettriku w dan qed jinghad ghaliex l-imputat ma rnexxilux jeghleb il-presunzjoni iuris tantum li l-ligi timponi fuqu, irnexxielha wkoll tipprova l mezz tas-serq stante li kien hemm tbaghbis fil-gumi li bhala konsegwenza ta' dan kien hemm in-nonregistrar tal-konsum, pero' verament li kif sostniet id-difiza ma pprovatx l-aggravju tal-hin. Kien jispetta lill-istess Prosekuzzjoni tipprova dan l aggravju, minkejja li tezisti l-prezunzjoni iuris tantum. Illi pero' kien jispetta lil prosekuzzjoni tipprova ukoll l-aggravji tal-hin, valur, lok u mezz moghtija minnha. M'hemmx dubbju li filwaqt li l-aggravju tal-mezz jirrizulta provata u dan ghaliex is-serq sar permezz ta' sgass fil-gumi tal-elettriku, u fil-lok ghaliex is-serq sar fir residenza tal-appellant. L-aggravju*

*tal-hin ma jirrizutlax u lanqas tal-valur stante li l-Qorti m'hix konvinta bil-modalita ta' kif gie kalkolat l-ammont allegatament misruq u ghal kemm dam ghaddej dan is serq."*

Illi din l-ahhar sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali propju tolqot il-kaz inkwistjoni billi l-provi prodotti mill-prosekuzzjoni jaslu sal-grad tal-probabbli u mhux tal-konvinciment oltre' d-dubju dettat mil-ligi. Anke jekk f'dawn it-tip ta' kazijiet l-oneru tal-prova tghaddi ghand l-imputat, il-prosekuzzjoni xorta wahda ghandha d-dover li tipprova l-kaz taghha skont id-dettami tal-ligi kriminali anzi ghandha tkun aktar rigoruza fil-provi taghha. Jibda biex jinghad illi apparti mid-dilungar taz-zmien sabiex jinhargu l-akkuzi kontra l-imputat il-kwerela li tikkoncerna dawn il-proceduri li tinsab a fol. 23 tal-process ghandha data antecedenti ghad-data ta' meta gewipprezentati dawn il-proceduri u kif sostna ben tajjeb l-avukat difensur fit-trattazzjoni tieghu, ma kien hemm l-ebda kwerela ghajr din. Illi kif jiddisponi l-Artikolu 283A tal-Kodici Kriminali l-ebda azzjoni ma tista' tigi istitwita jekk mhux bil-kwerela tas-socjetà u ghalhekk dawn il-proceduri kienu nulli *ab initio.*

Primarjament l-unika prova teknika li ngabet hija li kien hemm xi vit fil-*meter* tad-dawl li kien *three phase* fil-propjetà msemmija li kien mahlul u ghalhekk ma kienx hemm dawl diehel minn punt minnhom u li c-comba kienet giet imbaghbsa izda minn imkien ma nghatat spjegazzjoni dettaljata ta' kif allegatament sar dan it-tbaghbis.

Illi a rigward tar-rapport tal-espert nominat mill-Qorti u cioè Prof. Cyril Spiteri Staines ghalkemm din il-Qorti tirrispetta l-konkluzjonijiet minnu milhuqa, ma tistax ma tippuntwalizzax illi dan sab il-hgiega tal-*meter* imkissra, xi haga li ma harget mill-ebda xhud tal-prosekuzzjoni. Illi din il-Qorti tistaqsi jekk din setghetx inkisret meta l-*meter* kien kustodit fl-*istores* tal-Enemalta hekk kif xehdu t-teknici ghal dawk is-snin kollha u ghalhekk hemm dubju serju li l-istat ta' dak il-*meter* kienx l-istess ta' meta gie maqlugh mit-teknici tal-Enemalta. Dan il-fatt jallaccja mal-principju fundamentali fil-kamp kriminali tac-*chain of evidence* fejn jidher ghalhekk li dan il-principju ma giex rispettat f'dan il-kaz. Illi di piu' fuq l-*evidence bag* li kien jikkontjeni dan il-*meter* kien hemm miktub li dan jappartjeni ghall-fond bin-numru 235237 St. Catherine Str., mentri l-garaxx inkwistjoni jgib in-

numru ta' 237 u r-residenza tal-imputat ghandha n-numru ta' 239.

Illi anke meta giet biex tigi smat l-allegat profitt, ix-xhud tal-Enemalta jghid illi dawn ikkalkulaw ghal perjodu ta' xi hames (5) snin qabel ma kien hemm l-ispezzjoni. Dan fil-fatt kien kalkolu ipotetiku u ma kienx ibbazat fuq l-ebda prova tangibbli bhal perezempju ngabu kontijiet precedenti u gew ikkomparati ma' dawk kontestati anke wkoll sabiex johorgu il-prova tal-uzu tal-propjetà inkwistjoni peress li allegatament hija residenza u garaxx fejn l-imputat kien fil-passat jezercita l-professjoni tieghu ta' mastrudaxxa. Illi ghalhekk la ma giex ippruvat l-*actus reus* u wisq anqas il-*mens rea applikabbli f'dawn it-tip ta' reati.*

Illi di piu', anke jekk il-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-kaz taghha, l-imputat xorta wahda fornixxa serje ta' dokumenti u provi, inkluz it-testimonjanza tieghu bil-gurament, fejn tefa' dubju serju fuq il-kaz tal-prosekuzzjoni.

Finalment jidher car illi din l-azzjoni hija preskritta bil-preskrizzjoni ta' hames (5) snin u dan ghaliex il-piena applikabbli ghal dawn it-tip ta' reati hija ta' hames (5) xhur sa disa' (9) xhur habs, fejn dan ghal xi raguni s-socjetà Enemalta hadet diversi snin sabiex tiddeciedi sabiex tiehu passi kriminali kontra l-imputat. Din il-Qorti tistaqsi il-ghaliex thallew daqstant snin sabiex jibdew dawn il-proceduri? Izda jibqa' l-fatt illi l-allegat fatt gara fis-sebgha (7) ta' Awwissu 2009 u l-proceduri nbdew fl-erbatax (14) t'Ottubru 2015 u cioè wara li kienu ghaddew il-hames (5) snin.

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat Nazzareno Bartolo hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u kwindi tilliberah minnhom.

\-----------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**